# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 127/18/1 MCH**

**Joseph Darmanin, Bernardette u Louis konjuġi Apap Bologna, Sister Marie Therese Darmanin, Mary Rose armla Bonello, John Bugeja, Olivia Brincat, Ilona u Vincent Borg Carabott u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2009 il-kunjom Carabott inbidel għal Carbott**

**v.**

**Stella Maris Band Club u l-Avukat tal-Istat**

1. Fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021 l-appellanti taw l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef Anthony Ellul, peress li b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 2018 kien iddeċieda l-appell fil-kawża **Joseph Darmanin et v. Stella Maris Band Club** (Appell 40/2008). B'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) ħassret is-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tas-6 ta' Marzu 2017, u sidien il-kera ngħataw raġun fil-meritu. Madankollu dik il-Qorti ma setgħetx tordna l-iżgumbrament tal-inkwilin

minħabba li fil-mori tal-appell kien daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018 li kienu jinkludu l-introduzzjoni tal-Art. 1531J(5) tal-Kodiċi Ċivili. Kien b'digriet tal-14 ta' Diċembru 2018 li dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' sidien il-kera sabiex issir referenza *ai termini* tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319, sabiex ikunu mwieġba dawn id-domandi:

> *"i. Jekk bl-introduzzjoni ta' subinċiż (5) tal-artikolu 1531J tal-Kodiċi Ċivili fl-istadju meta l-kawża kienet qiegħda tinstema' minn din il-qorti, ġiex leż id-dritt tal-atturi għal smigħ xieraq (artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali) ?*
>
> *ii. Jekk subinċiż (5) tal-artikolu 1531J tal-Kodiċi Ċivili huwiex iċaħħad lill-atturi mit-tgawdija paċifika tal-proprejta tagħhom u/jew jikkontrolla l-użu tal-proprjeta tagħhom fl-interess pubbliku u mingħajr ma jinżamm bilanċ ġust bejn l-interess ġenerali u d-drittijiet tas-sidien (art. 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni) ?*
>
> *iii. L-artikolu 1531J(5) tal-Kodiċi Ċivili japplika għall-każ in eżami ?"*.

2. Bħala fatt l-Imħallef Anthony Ellul m'esprima l-ebda fehma dwar il-kwistjoni li hi meritu tar-referenza kostituzzjonali. Kull ma ntqal fid-digriet tal-14 ta' Diċembru 2018 hu li, *"Il-qorti m'għandha l-ebda dubju li t-talba tal-atturi mhijiex vessatorja jew frivola"*.

3. Hu veru li bis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2018 il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat raġun lil sidien il-kera li x-xogħol strutturali li sar mill-inkwilina ma setax isir u li kien hemm ksur ta' kondizzjoni tal-kirja. Pero` dak il-fatt bl-ebda mod ma jimpinġi fuq l-eżitu tal-proċedura ta' referenza kostituzzjonali li ordnat il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) wara talba ta' sidien il-kera. Dan apparti li l-liġi ma daħlitx fis-seħħ wara li kienet diġa` ngħatat sentenza dwar il-meritu.

4. Veru wkoll li fl-istess sentenza l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) qalet:

> *"47. Meħud in konsiderazzjoni l-effett li emenda bħal din jista' jkollha fuq id- drittijiet fundamentali ta' sidien il-kera, materja li sar accenna ghaliha fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2018, il-qorti ser tagħti lill-appellanti sal-aħħar ta' Novembru 2018 sabiex jirregolaw ruħħom dwar il-materja qabel tagħti xi ordni ulterjuri wara li tisma' lid-difensuri tal-partijiet".*

5. Pero` dik l-osservazzjoni saret wara argument li għamlu s-sidien fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2018, u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tathom l-opportunita` sabiex jirregolaw ruħhom *in vista* tal-iżvilupp li seħħ fil-mori tal-appell bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018. B'daqshekk l-Imħallef Ellul ma ddeċidiex kienx ġustifikat jew le l-ilment tas-sidien dwar ksur ta' drittijiet fundamentali.

6. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tqisx li hemm raġuni li tista' tiġġustifika t-talba ta' rikuża tal-Imħallef Ellul.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża bl-ispejjeż kontra l-appellanti l-Avukat tal-Istat u Stella Maris Band Club.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm